# BALLADA SEWDA

*(SUNT LACRIMAE RERUM)*

*Ta'* J.P. VASSALLO

B'qalbi bil-hemm magħsura
Madwari jien inħares:
Joqtru bid-demm jien nilmaħ...
Mane, Thekel, Phares.

Mgħawweġ għaddej il-bniedem,
Bid-dnub imfawra s-sorra,
Mgħobbi bil-għajb tas-saħta
Ta' Sodoma u Gomorra.

Tinżel, tinżel ix-xita
U ma tkabbarx żerriegħa:
Fejn ma ddakkarx l-imħabba
Battala tibqa' l-qiegħa.

Bejn id-dawl u d-dalma
Ħluq nara miftuħin,
Li qatt ma redgħu sider
U jisħtu lill-bnedmin.

Ma kienx il-ġuf benniena
Ta' mħabba u ta' mogħdrija,
Iżda maqjel jinten
U ksiħ ta' biċċerija.

U l-omm li tat il-ħajja
Qaċċtitha minn ġol-ġuf,
Eħrex mill-eħrex tigra
Għall-mewt tat il-ħaruf.

O ħalq għalxejn imsawwar
Għax qatt ma jgħajjat "Ma",
Mid-dlam għad-dlam imferragħ,
Qatt t'Alla d-dawl ma ra.

Bħal dudu ġewwa l-fosdqa
Bil-ksieħ il-qalb mismut,
Ħaruf għadu bla tebgħa
Minn ommu ġie misħut.

Nisel ta' qalb bla rażan,
Bin żina, bin il-flus,
Bla dmugħ u bla tifkira
Bħat-tajn int ġejt mirfus.

U min isaltan jidħak,
Jidħak mingħajr mogħdrija,
Jadura l-klieb u l-qtates
Jistmerr ġmiel ta' tarbija.

U l-id li kellha twennes
U ddewwi b'qalb ħanina
Newlet is-semm lill-ħajja
U sinnet is-sikkina.

Ippokrate, quddiemek
Inbaxxu ras misħuta
Għax fik il-qalb u x-xjenza
Dejjem kienu marbuta.

Għalkemm dinek mhux dini
Minn qalbi ntik kull ġieh;
Jien żgur li int f'Elisju
Sibt sebħ u sibt mistrieħ.

Jien nisma' tidwi ragħda,
Kif darba ħass Kajin,
Ħluq il-ħolqien igħajtu:
Tkunu lkoll misħutin.

Intom li ċħadtu l-ħajja
Il-ħajja ma tarawx
Il-ħniena u il-barka
Lilkom ma jesgħux.

Fittixtu l-jedd tal-bniedem,
Kasbartu l-jedd ta' Alla:
Mimlija ġa sax-xifer
Sax-xoffa il-qartalla.

La rġiel u lanqas nisa
Ma jridu jafu b'rażna:
Fil-qlub, fl-imħuħ qed tikber
Tal-ħażen ħsid u ħażna.

It-tfal u ż-żgħażagħ torja
Mill-ħażen imdawlin —
Friefet fid-dawl li jagħmi
Jintennu maħruqin.

Tax-xirka tal-qattiela
Il-minkeb jgħum fil-flus,
Jitbaħbaħ u jinħasel
Fl-għalja tad-demm tal-ġnus.

Il-bejjiegħ tad-drogi
Jindafar fuq id-dgħajfin;
Il-bejjiegħ ta' l-armi
Ixewwex il-miġġildin.

Il-bejjiegħ tal-laħam
Ta' ħutu u ta' l-erwieħ . . .
Rekknu, dejjem rekknu:
Qatt barka, qatt mistrieħ.

U Mostru b'ħalqu jinten
U ta' serp il-għajn
Jitmiegħek u jmiegħek
Lil għajru ġewwa t-tajn.

Imnissel minn żewġ xjaten
Ismu misħut: Irkatt,
Bin regħba, bin mibegħda
U ma jaħfirha 'l ħadd.

Bħall-ikreh dud tas-susa,
Iberren bla ma jidher;
Tal-vittma jħalli moħħi
Moħħ u qalb u sider.

'Il bogħod minn Alla l-bniedem
Is-saħta dejjem ġarr
Bħalma ġarr is-saħta
Il-Prinċep Baltasar.

It-twajjeb qed isofri,
Isofri mal-fqajrin;
Għalhekk il-karba toħroġ:
Tkunu lkoll misħutin.

L-imsejken qed isofri:
Kull fejn mitluf iħares,
Nirien hu jilmaħ l-ittri . . .
Mane, Thekel, Phares.